

Izvorna jezična inačica ove stranice [hu](#) nedavno je izmijenjena. Naši prevoditelji trenutno pripremaju jezičnu inačicu koju vidite.

mađarski

Swipe to change

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Mađarska

Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tar-reġistru tal-artijiet tal-Ungerija.

Slużbeni prijewd niġe dostrupan u jeziċnoġ verziġi koju trażiġe.

Ovdġe możete pristupiti stroġnom prijewdu ovog sađrżaja. Imajġe noz u mu da ġe svrha tog prijewda samo prużiti kontekst. Vlasnik ove stranice ne prihvaća nikakvu odgovornost ni obvezu u pogledu kvalitete stroġno preveđenog teksta.

-----hrvatski-----bugarskišpanjolskiċeškiđanskiġemaaċkiestonskiġrċkiengleskitalijanskilatvijskimalteškiġnozemskipoljskiportugalskirumunjskislovaċkislovenskifinskišvedski

X'għandu x'joffri r-reġistru tal-artijiet Ungeriż?

Ir-Reġistru tal-Artijiet Ungeriż huwa ġestit mill-Ministeru tal-Aġrikoltura u tal-Iżvilupp Rurali (*Vidékfejlesztési Minisztérium*) u mill-Uffiċċji tal-Artijiet tal-Ungerija . Is-sit elettroniku uffiċjali tal-Uffiċċji tal-Artijiet tal-Ungerija (*magyarországi földhivatalok*) joffri informazzjoni dwar in-netwerk mifruħ mal-pajjiż kollu tal-uffiċċji tal-artijiet Ungeriżi, minbarra li jipprovd aċċess għan-netwerk istituzzjonali kollu tal-amministrazzjoni tal-artijiet, b'dettalji dwar:

Il-kompiti tagħhom

Dmirijiet u servizzi pprovduti

Proġetti ġodda u importanti

Tista' tniżel mis-sit formoli amministrattivi u taqra dwar is-servizz elettroniki tagħna u dwar il-kundizzjonijiet biex tidħol fis-sistema. Hawnhekk, tista' ssib anki l-ġiżlazzjoni rilevanti.

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Ungeriż huwa mingħajr ħlas?

Mill-2003, l-utenti rreġistrati (il-korpi amministrattivi pubbliċi, il-banek, l-avukati, in-nutara pubbliċi, l-awtoritajiet municiġali, aġenti tal-proprjetà immobbli, eċċ.) setgħu jaċċessaw is-servizzi onlajn (*TAKARNET*) tal-Uffiċċji tal-Artijiet. Id-dejta hija disponibbli soġġetta għal ħlas, f'konformità ma' ġiżlazzjoni rilevanti.

F'Ġunju 2011 tniġda s-servizz tal-Uffiċċju Onlajn tal-Artijiet (*Földhivatal Online*), li ċ-ċittadini jistgħu jaċċessaw direttament mill-portal tal-Gvern permezz tal-ID ċentrali tal-"gateway tal-klijenti" (*ügyfélkapu*), u fejn jistgħu jużaw servizzi onlajn soġġetti għal ħlas, l-istess bħall-utenti rreġistrati.

Il-klijenti tal-Uffiċċju Onlajn tal-Artijiet jistgħu jaċċessaw firxa limitata ta' dejta bla ħlas. Madankollu, is-servizz bla ħlas ikopri biss id-dejta deskrittiva dwar il-proprjetajiet (l-ewwel taqsimha tal-karta tal-proprjetà (*tulajdoni lap*)). Tista' tftitex fil-bażi tad-dejta bin-numru tal-porzjon tal-art (*helyrajzi szám*) jew l-indirizz tal-proprjetà. L-utenti rreġistrati u ċ-ċittadini jistgħu jaċċessaw dawn is-servizzi onlajn 24 siegħa kuljum permezz tal-internet.

Kif tagħmel tiftixa fir-reġistru tal-artijiet Ungeriżi

B'mod ġenerali, tista' tftitex fuq il-bażi ta':

In-numru tal-porzjon tal-art;

L-intervall tal-porzjon tal-art;

L-indirizz tal-proprjetà.

L-utenti bi drittijiet speċjali (il-pulizija, l-awtoritajiet investigattivi, l-eżekutori tal-qrati, in-nutara pubbliċi f'każijiet ta' wirt) jistgħu jfittxu skont l-isem u d-dejta personali tal-proprjetarju u/jew tal-persuna intitolata.

L-istorja tar-reġistru tal-artijiet Ungeriż

L-isem uffiċjali tas-sistema legali u amministrattiva li timmaniġġja r-reġistru tal-proprjeta immobbli fl-Ungerija huwa s-"sistema unifikata tar-reġistri tal-artijiet" (*egységes ingatlan-nyilvántartási rendszer*). Din is-sistema hija meġjusa "unifikata" għaliex id-dejta katastali tal-pjanti u d-dejta legali (*telekkönyv*, 'Grundbuch') ġew immaniġġjati f'forma integrata, kemm legalment kif ukoll istituzzjonalment, sa mill-1971. Netwerk istituzzjonali wieħed li jikkonsisti fl-uffiċċji tal-artijiet kollha huwa responsabbli mir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet legali u mill-bidliet fil-mapep tar-reġistrazzjoni tal-artijiet, u jipprovd dejta u jwettaq kompiti oħra mal-artijiet u mal-proprjeta mibnija. Is-sistema unifikata tar-reġistru bbażat fuq it-titoli tal-Ungerija kienet l-ewwel tax-xorta tagħha fl-Ewropa.

Is-sistema Ungeriża għandha diversi skopijiet, minħabba li appartu l-attivajiet tagħha li jkopru l-firxa sħiħa tar-reġistrazzjoni tal-artijiet hija twestaq numru ta' kompiti oħra, bħat-twaqqif u l-manutenzjoni ta' netwerk ta' punti ta' kontroll ġeodetiku, l-immappjar topografiku, il-konservazzjoni tal-artijiet, ir-reġistrazzjoni tal-kiri tal-artijiet u l-manutenzjoni tal-konfini amministrattivi.

Din il-bażi tad-dejta pubblika u kumplessa li fiha informazzjoni dwar l-artijiet aġrikoli u l-proprjeta immobbli, jiġifieri dwar uħud mill-aktar komponenti importanti tal-ħajja ekonomika, tal-aġrikoltura u taċ-ċirkulazzjoni tal-kreditu, hija mmaniġġjata mill-amministrazzjoni tal-artijiet b'mod integrat u tkopri t-territorju amministrattiv kollu tal-Ungerija. L-għan tas-sistema huwa li tgħin biex issaħħaħ id-dritt għall-proprjeta, ambjent b'saħħtu, liberta ta' impriża u kompetizzjoni, u li tirreġistra uffiċjalment sinjali naturali u artifiċjali billi tipprovd sistema ta' reġistrazzjoni tal-artijiet awtentikata pubblikament u infrastruttura ta' dejta spazjali.

L-għan ġenerali huwa r-reġistrazzjoni u l-immaniġġjar uffiċjali tad-dejta dwar il-proprjeta kollha tal-artijiet u proprjeta oħra, filwaqt li tiżgura s-sigurtà tad-drittijiet tas-sjeda u intitolamenti oħra relatati mal-proprjeta billi jipprovd sistema u infrastruttura tar-reġistrazzjoni tal-artijiet uniformi u awtentikata pubblikament.

Barra minn hekk, is-sistema tar-reġistrazzjoni tal-artijiet unifikata għandha żewġ għanijiet speċifiċi. L-objettiv legali tar-reġistrazzjoni tal-artijiet huwa li tiproteġi d-drittijiet relatati mal-proprjeta immobbli u d-dokumenti uffiċjali, filwaqt li fl-istess ħin tipprovd ċertezza għas-sidien u d-detenturi *bona fide* u tippromwovi l-użu profitabbli tal-proprjeta immobbli. Min-naħa l-oħra, il-mira ekonomika tas-sistema hija li sservi ta' bażi uniformi għall-ippjanar u għat-twaqqif tal-obbligi finanzjarji, biex tiffaċilita l-governanza u l-investment tal-proprjeta permezz tad-dispożizzjoni tad-dejta statistika, u biex tipprovd servizzi lis-soċjetà kollha.

Links relatati[Portal tal-gvern \(Kormányzati portál\)](#)[Sit elettroniku uffiċjali tal-Uffiċċji tal-Artijiet tal-Ungerija \(A magyarországi földhivatalok hivatalos honlapja\)](#)

L-aħħar aġġornament: 06/04/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi fitt mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.